MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-10 ta' Awwissu, 2007

Appell Kriminali Numru. 161/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Raymond Mifsud**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Raymond Mifsud talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda u cioe` fl-24 ta' Novembru 2006, fix-xhur ta' qabel din id-data, kif ukoll fix-xhur minnufih qabel il-hrug tac-citazzjoni (li ggib id-data tad-9 ta' Jannar 2007) **1.** bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jekk li ppretenda li kellu, fixkel lil Ronnie Zammit fil-pussess ta' hwejjgu jew hatt bini proprjeta` tieghu jew b'xi mod iehor kontra l-ligi ndahal fi hwejgu u dan meta pogga *ticketing booth* minghajr ma kien awtorizzat u meta kien jaf tajjeb li ma

setax, fi spazju numru 11 fi Triq ix-Xatt, Sliema liema spazju huwa mikri minghand il-*Lands Department* fuq *encroachment terms* minn Ronnie Zammit biex izomm *ticketing booth*; u aktar **2.** bi hsara ta' Ronnie Zammit ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta` tieghu;

Rat is-sentneza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' April 2007 li permezz taghha dik il-qorti, fil-parti decizjonali, qalet hekk:

**"Ghaldaqstant issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Rat l-artikolu 85 tal-Kodci Kriminali u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' Lm100. Inoltre rat l-artikolu 85 u l-artikolu 377 tal-Kodici Kriminali u tordna lill-imputat li jirrilaxxja t-"Ticketing Booth" fi zmien hmistax mill-lum."**

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Raymond Mifsud, minnu pprezentat fl-20 ta' April 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-3 ta' Awissu 2007; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa li fis-sentenza taghha l-ewwel qorti, ghalkemm qalet li kienet qed issib lill-imputat hati skond l-imputazzjonijiet ossia akkuzi (cioe` fil-plural) ghamlet referenza biss ghall-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. L-appellant jirreferi ghal dak li jghid u jezigi l-Artikolu 382 tal-istess Kodici. Dwar dana l-aggravju l-appellant ghandu ragun. L-Artikolu 382 tal-Kap. 9 jipprovdi li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ghandu jkun fiha "l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat". Fil-kaz in dizamina l-ewwel qorti kjarament sabet lill-appellant hati kemm skond l-ewwel kif ukoll skond it-tieni imputazzjoni, izda semmiet biss l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat ta' *ragion fattasi* – l-Artikolu 85 – u mhux ukoll dak li jikkontempla l-kontravvenzjoni, li hi wkoll reat, ta' vjolazzjoni ta' proprjeta`. Kif gie ritenut kostantement minn din il-Qorti, in-non-osservanza ta' din id-disposizzjoni tammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali (sollevabbli anke *ex*

*officio* mill-Qorti, ghalkemm f'dan il-kaz giet sollevata mill-appellant), b'mod li jigi applikat is-subartikolu (3) tal-Artikolu 428 tal-Kap. 9. Meta, b'applikazzjoni ta' dana s-subartikolu, din il-Qorti thassar is-sentneza u tghaddi biex tiddeciedi l-kawza mill-gdid fuq il-meritu, hija ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) tal-imsemmi Artikolu 428 – ara, a propositu, fost hafna sentenzi, ***Il-Pulizija v. Mario Agius*** App. Krim. 3/2/1995, ***Il-Pulizija v. Mary Grech*** App. Krim. 7/7/1995, ***Il-Pulizija v. Francis Farrugia*** App. Krim. 15/1/1996. Ghalhekk din il-Qorti qed thassar is-sentenza appellata u ser terga' tikkonsidra l-kawza mill-gdid fil-meritu. Iz-zewg aggravji l-ohra, ghalhekk, issa jitqiesu bhala sottomissjonijiet fil-meritu.

Kwantu ghat-tieni aggravju, l-appellant jikkontendi bazikament li f'dan il-kaz ma hemmx l-estremi tar-reat ta' *ragion fattasi*. Huwa jikkontendi li ma spoljax lil Ronnie (Nazzareno) Zammit mill-uzu jew tgawdija tat-*ticketing booth* peress li l-pusses ta' dan il-*booth* kien ghand l-istess appellant li kullma ghamel, in forza ta' skrittura privata, kien li kompla jgawdi minn dak il-pussess. Dana l-argument, ghalkemm apparentemenmt ingenjuz, huwa infondat. Mill-provi – senjatament id-deposizzjoni ta' Zammit u d-dokumenti minnu ezibiti – jirrizulta li l-imsemmi Zammit kellu, u ghad ghandu, fuq *encroachment terms* mid-Dipartiment ta' l-Art u bil-permess tal-Kunsill Lokali ta' Sliema, spazju fix-Xatt ta' Sliema biex fuqu jpoggi *ticketing booth* marbut man-negozju minnu gestit mill-ufficju tieghu li jinsab ukoll fix-Xatt tas-Sliema. Gara li fit-22 ta' Settembru 2004, l-imsemmi Zammit dahal f'*management* jew *operation agreement* ma' l-appellant biex dan jiehu hsieb kemm il-hanut kif ukoll it-*ticketing booth*. Ftit qabel ma skada dan il-ftehim, izda, l-appellant Mifsud qabad u nehha l-*booth* ta' Zammit minn postu, sakkru fil-hanut ta' l-istess Zammit (li c-cwievet tieghu allura kienu ghadhom ghand l-appellant in forza tal-*management agreement*) u minflok pogga *booth* iehor tieghu biex b'hekk kif appena skada il-*management agreement* l-appellant baqa' jokkupa – issa bil-*booth* tieghu flok b'dak Zammit li kien jiggestixxi – l-ispazju allokat ghall-*booth*, liema spazju, pero`, kien isejjah lil Zammit. U rabat il-*booth* il-gdid b'katina! Dan kjarament

ma hux kaz ta' *qui continuta non attentat*. Kif gie mfisser minn din il-Qorti fis-sentneza taghha tal-5 ta' Dicembru 2003 fil-kawza fl-ismijiet ***The Police v. Jane Deguara***,

**"…for the principle *qui continuat non attentat* to apply, the person must actually be maintaining the *status quo* and acting strictly within the limits of the right or of the possession that he actually enjoys, and not enlarging upon that right or upon that possession."**

Dak li ghamel l-appellant kien li, biex jipprova jevadi l-konsegwenzi tat-terminazzjoni tal-ftehim li huwa kellu ma' Zammit, biddel jew altera l-pussess li huwa kellu billi pogga l-*booth* tieghu minflok dak ta' Zammit – apparti li precedentement ipprova anke idawwar il-permessi fuq il-*footprint* fejn kien hemm il-*booth* ghal fuq ismu. Din il-Qorti b'ebda mod ma tista' tissanzjona raggiri kwazi-frawdolenti ta' dan it-tip. Malli l-appellant nehha l-*booth* ta' Zammit u pogga tieghu, huwa kien qieghed kontra l-ligi jindahal fi hwejjeg Zammit u effettivament jikkommeti spoll, b'mod ghalhekk li jikkonfiguraw l-elementi kollha tar-reat kontemplat fl-Artikolu 85.

It-tielet aggravju – sottomissjoni, in vista tat-thassir tas-sentenza ta' l-ewwel qorti kif aktar 'l fuq imfisser – ta' l-appellant Mifsud huwa fis-sens li huwa ma jistax jinstab hati skond l-Artikolu 340(d) -- vjolazzjoni ta' proprjeta` -- peress li din id-disposizzjoni tapplika biss meta l-vjolazzjoni in kwistjoni ma tkunx *"…imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band'ohra f'dan il-Kodici."* L-appellant ghandu ragun. Galadarba din il-Qorti sejra ssib lill-appellant hati skond l-Artikolu 85, ma hemmx lok ta' sejbien ta' htija skond it-tieni imputazzjoni.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti tosserva li l-appellant ghandu fedina penali refrattaja mhux hazin, b'diversi sejbien ta' ksur tal-ligi inkluzi reati konnessi mat-tmexxija ta' negozji. Kjarament l-appellant hu persuna li jaghmel dak li jifettillu jew jaqbillu, u jigi jaqa' w jqum minn kollox, inkluz mill-ligi, u min kulhadd.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, prevja, kif diga` nghad, it-thassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' April 2007 fl-ismijiet premessi, filwaqt li tiddikjara lill-appellant Raymond Mifsud mhux hati skond it-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu, issibu hati skond l-ewwel imputazzjoni, cioe` tar-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali u, wara li rat l-Artikoli 85 u 377 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lil Raymond Mifsud multa ta' tlett mitt lira (Lm300) (konvertibbli din il-multa f'sittin (60) gurnata prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi), u, b'applikazzjoni tas-subartikoli (3) u (5) tal-imsemmi Artikolu 377 u tas-suabrtikolu (2) tal-Artikolu 85, torndna lill-appellant sabiex fi zmien erbgha w ghoxrin siegha mill-lum inehhi l-*booth* minn fuq l-ispazju allokat lil Ronnie sive Nazzareno Zammit b'mod li l-istess spazju jkun liberament a disposizzjoni tal-imsemmi Zammit, u tawtorizza minn issa lill-Pulizija biex fil-kaz li l-imsemmi zmien jghaddi inutilment l-istess Pulizija tnehhi hi l-*booth* u tillibera l-ispazju, u dan a spejjez tal-appellant Mifsud.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------